**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kurt Zahra]**

**vs**

**Neil Carl Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 55/16**

**Illum, 2 ta' Lulju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Neil Carl Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 347982(M) akkuzat talli nhar is-16 ta` Novembru 2015 bejn 08.10 u 14.25 fi Triq Abela Scolaro, Hamrun, minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Vitz, bin-numri ta` registrazzjoni ROW001, ikkommetta serq ta` kamera tar-ritratti tal-ghamla Nikon li valur taghha jammonta ghal 1400€ u 30€ fi flus kontanti ghad-detriment ta` Rowena Gauci Davison detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 270376(M), liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro) u bix-'xorta tal-haga misruqa'. (261(b)(c)(g), 263, 271(g), 279(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma

tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Rowena Gauci Davison detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 270376(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra. (Art 325(1)(c) Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta);

Talli bejn it-08 ta` Frar 2015 u 09 ta` Frar 2015 bejn 18.30 u 08.20 minn gewwa Gianluca Garage li jinsab fi Triq Santa Marija Birkirkara, ikkommetta serq ta` kompjuter tal-marka Dell li valur tieghu jammonta ghal 300€ u 5€ fi flus kontanti ghad-detriment ta` Carmelo Antonio Bianco detentur ta` karta tal-identita` b` numru 44368(M), liema serq huwa aggravat bil-'mezz' u bil-'valur' li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro). (261(b)(c), 263, 279(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Carmelo Antonio Bianco detentur ta` karta tal-identita` b` numru 44368(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra. (Art 325(1)(c) Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta);

Talli bejn is-07 ta` Lulju 2014 u it-08 ta` Lulju 2014, bejn 19.30 u 18.30 fi Triq Santa Marija Birkirkara, minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numri ta` registrazzjoni JBE528, ikkommetta serq ta` kamera tar-ritratti tal-ghamla Kodak li valur taghha jammonta ghal 150€, ghad-detriment ta` Neil Zammit 45187(M), liema serq hu aggravat bil-'mezz' u bix-'xorta tal-haga misruqa'. (261(b)(g), 263, 271(g) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Neil Zammit 45187(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra. (Art 325(1)(c) Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta);

U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati b` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U nakkuzah talli bejn il-25 ta` Novembru 2015 u it-02 ta` Frar 2016, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia LL.D. nhar it-22 ta` Frar 2012 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;

U talli naqas milli jhares xi kondizzjoni imposta fuqu meta nheles minn l-arrest skond Art 355AL Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna ir-rearrest ta` l-imsemmi Neil Carl Farrugia. Kif ukoll tordna li s-somma hawn fuq indikata bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta` Malta

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu ssabiex dawn il-proceduri jigu trattati b’mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat tliet serqiet liema wahda saret fis-sittax (16) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) minn vettura Toyota Vitz ROW 001 fi Triq Abela Scolaro, Hamrun ghad-dannu ta' Rowena Gauci Davison li minn tali vettura nsterqu kamera tar-ritratti Nikon u tletin ewro (€30) fi flus kontanti billi tkissret il-hgiega tat-tieqa; serqa f'Gianluca Garage li jinsab fi Triq Santa Marija, Birkirkara ghad-dannu ta' Carmelo Bianco fejn insteraq kompjuter tal-marka Dell u hames ewro (€5) fi flus kontanti; serqa ohra minn vettura Toyota Hilux JBE 528 minn Triq Santa Marija, Birkirkara ghad-dannu ta' Neil Zammit fejn insterqu kamera tar-ritratti tal-ghamla Kodak b'dan ukoll billi giet imkissra t-tieqa tal-istess karrozza.

Illi l-Qorti rat l-istqarrija tal-imputat li nghatat wara d-debiti twissijiet u bid-drittijiet kollha skont il-ligi u b'mod volontarju huwa ammetta s-serqa li saret fil-Hamrun u ma cahadx is-serqa li saret fil-vettura f'Birkirkara, izda cahad kategorikament is-serqa li saret go Gianluca Garage.

Illi f'dawn il-proceduri ngabu provi cirkostanzjali konsistenti f'numru ta' marki tas-swaba fuq it-tliet serqiet liema marki tas-swaba jikkonfiguraw perfettament ma' dawk tal-imputat hekk kif gie konkluz mill-espert imqabbad mill-Qorti u cioe' Joseph Mallia.

Illi ghar-rigward is-serqa gewwa Gianluca Garage l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi huwa kien jaf is-sid tal-garaxx sew tant li kien imur jaghmel xi xoghlijiet ghandu u ta' spiss kien ikun hemm tant li kien anke juza l-kompjuter li gie misruq. Ghalhekk kien ovvju li tali marki tas-swaba jinstabu gewwa dan il-fond.

Illi ghalhekk il-kwistjoni hi jekk fil-fatt din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre' d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat fuq it-tliet serqiet.

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet '<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet '<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun*

*moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet '<u>Il-Pulizija vs Paul Grech</u>' deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet '<u>Il-Pulizija vs James Abela</u>' deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact".... F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu*

*siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada' datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal perezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-

interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . "*

Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Practice (1997 Edition Para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish*

*innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha oltre' d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju illi s-serqiet fuq il-karrozzi gew ippruvati ghaliex minn ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija kif ukoll mir-rizultanzi tal-espert Joseph Mallia li fir-rapport tieghu esebit a fol. 135 tal-process huwa rnexxielu jikkompara u jqabbel il-marki tas-swaba misjuba fuq iz-zewg karrozzi ma' dawk tal-imputat b'mod perfett b'dan illi fuq il-karrozza Toyota Hilux l-impronta BSN 301 kienet taqbel pozittivament mas-subgha l-werrej tal-id ix-xellugija tal-imputat kif ukoll il-14BSN303 kienet taqbel ukoll mas-subgha tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-imputat. Illi fuq il-vettura Toyota Yaris lifter 15CHX301 kien jaqbel

pozittivament mas-subgha l-werrej tal-id ix-xellugija tal-imputat u 15CAX302 kien jaqbel pozittivament mas-subgha l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat.

Illi a rigward is-serqa gewwa Gianluca Garage jinghad illi minn harsa ghall-istqarrija tal-imputat li jghid illi kien ta' sikwiet jidhol fil-post ghaliex kien jaf lis-sid u mill-istess xhieda ta' Dr. Noel Bianco ghas-sid hareg illi huma qeghdin jirrinunzjaw ghal dak kollu li kien rinunzjabbli u dan stante li huma kienu precedentement ghinuh sabiex jaqbad it-triq it-tajba mid-dipendenza fuq id-droga u ghalhekk ma kinux qeghdin jinsistu fuq l-ebda dannu.

Illi ghalhekk bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-konnessjoni ta' din is-serqa mal-imputat u dan minhabba dan id-dubju ikkrejat mill-imputat li ma giex kontradett illi huwa kien jidhol f'dan il-garaxx u ghalhekk huwa ovvju li hemmhekk jinstabu marki tas-swaba tieghu, u ghal fatt illi s-sid tal-post irrinunzja totalment ghal xi tip ta' rizarciment.

Illi ghar-rigward l-aggravji tas-serqiet l-ohra, gie ippruvat li s-serqa saret bi sgass kif ukoll l-ammonti tal-oggetti misruqa u tal-hsarat ikkagunati permezz ta' tali serqiet (ara xhieda ta' Rowena Gauci Davison u ta' Neil Zammit datata 14/3/16 – fol. 31 *et seq.*)

Illi f'dawn il-proceduri hareg car id-dipendenza qawwija tal-imputat fuq id-drogi u hareg car ukoll l-isforz; ghalkemm soffert; tal-imputat li johrog minn din id-dipendenza li ilha fuqu minn mindu kellu sbatax (17)-il sena. Illi tul dan il-perjodu li hu dam f'arrest preventiv din il-Qorti rat kambjament fil-pozittiv fejn minhabba ghaliex kien baqa' arrestat huwa

seta’ ikun aktar ikkontrollat fuq il-pjan ta’ kura li kien sar tul dawn il-proceduri permezz ta’ Ordni ta’ Trattament.

Illi hareg car ukoll illi tul dawn il-proceduri u meta kien inghatalu l-helsien mill-arrest sabiex ikun jista’ jidhol go programm tal-Caritas, huwa ghazel li ma jibqax hemm u ghalhekk wara r-ri arrest tieghu, gie kkundannat minn Qorti ohra diversament presjeduta (per Magistrat Gabriella Vella datata 28/2/17; fol. 266) ghall-ksur tal-helsien mill-arrest u ghar-ricediva ta’ sentenza kontra l-istess imputat datata sebgha (7) ta’ Lulju elfejn u erbatax (2014) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali); xi haga li l-imputat qed jiffaccja l-istess akkuza ta’ recidiva f’dawn il-proceduri wkoll.

Illi l-imputat qed jigi rinfaccjat ukoll b’akkuza li ma harisx wahda mill-kundizzjonijiet moghtija permezz ta’ digriet ghall-helsien mill-arrest datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Frar elfejn u tnax (2012) mill-Magistrat Mareseann Farrugia billi ikkommetta reati waqt il-perjodu ta’ dan id-digriet u talli naqas milli jhares kundizzjoni meta kien mehlus minn arrest skont Art. 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi tenut kont tal-fatt illi l-imputat qed jaghmel sforz kbir sabiex jirriabilita’ ruhu u sabiex ma xxekkielx dan l-isforz, din il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni tar-recidiva hawn fuq imsemmija u ma hijiex ser timponi l-ebda ordni ta’ konfiska tad-depozitu jew hlas tal-garanzija personali imposta mid-digriet tal-helsien mill-arrest.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 261(b)(c)(g), 263, 271(g), 279(a), 325(1)(c), 261(b)(c), 263, 279(a), 261(b)(g), 263, 271(g), 49, 50, 289 u 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed

issib lil Neil Carl Farrugia hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5), is-sitt (6) , is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi u tikkundannah ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija, filwaqt li ma ssibux hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi stante li ma gewx ippruvati. Tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-helsien mill-arrest datat 22 ta' Frar 2012 kontra l-imputat.

Inoltre' l-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D ghall-istess perjodu, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**